MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRAZIELLA BEZZINA**

Seduta tal-11 ta' Mejju, 2012

Talba Numru. 1645/2010

**George Grech f'ismu proprju u ghan-nom**
**u in rapprezentanza tas-Socjeta' Saguna Co. Ltd.**
**(C12989)**

**vs**

**Paul Zammit – ID392956-M**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-attur talab illi prevja kull dikjarazzjoni necessarja, kundanna sabiex il-konvenut ihallas l-ammont ta' tlett elef, erba' mija u erbgha u disghin Ewro u sitt centezmi (€3,494.06c), jew somma ohra verjuri, rapprezentanti spejjez inkorsi mill-atturi fl-irkupru ta' dejn dovut mill-istess konvenut, li gran' parti minnu obbliga ruhu quddiem il-Qorti biex ihallsu lill-atturi, izda liema spejjez, inkluzi dawk tal-kunsinnatarju, baqghu ma thallsux nonstante diversi interpellazzjonijiet.

Bl-ispejjez, inkluz dawk tal-mandati kawtelatorji pprezentati kontestwalment ma' dan l-att, u l-imghax dekoribbli mis-16 ta' Dicembru 2008 sad-data tal-pagament effettiv.

Ra r-risposta tal-konvenut, li permezz taghha eccepixxa illi t-talbiet huma preskritti bi preskrizzjoni ta' sentejn; illi fil-mertu, l-esponenti m'ghandu jhallas xejn lill-atturi; salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez.

Semgha x-xhieda tal-partijiet u ha konjizzjoni tad-dokumenti kollha li gew esebiti minnhom.

Ra n-nota ta' sottomissjonijiet tal-attur.

Illi din is-sentenza tittratta limitatament dwar l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni sollevata mill-konvenut.

Ikkunsidra,

Illi b'referenza ghall-eccezzjoni ta' preskrizzjoni sollevata mill-konvenut, jigi rilevat illi ghalkemm gie indikat it-terminu preskrittiv li a bazi tieghu tressqet l-eccezzjoni - li gie indikat bhala wiehed biennali - madanakollu, l-istess konvenut naqas milli jindika d-disposizzjoni tal-Ligi applikabbli u relattiva ghal din l-eccezzjoni. Illi f'dan ir-rigward, u fid-dawl tal-fatt illi l-insenjament tal-Qrati taghna konsistentement jipprovdi illi din it-tip ta' eccezzjoni ghandha tigi interpretata bl-aktar mod restrittiv possibbli, allura jehtieg illi jigi stabbilit jekk il-fatt illi gie indikat it-terminu preskrittiv, minghajr ma giex indikat l-Artikolu tal-Ligi, huwiex sufficjenti sabiex tali eccezzjoni tigi kkunsidrata, u possibilment akkolta.

Illi f'dan ir-rigward qed issir referenza ghas-sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fil-kawza fl-ismijiet **Joseph Gauci vs Saviour Farrugia** deciza fit-2 ta' Gunju 2005, fejn gie ritenut illi; "*Irid jinghad ukoll illi l-proposizzjoni generika ta' l-eccezzjoni tal-*

*preskrizzjoni mill-parti nteressata ma tawtorizzax lill-gudikant biex jindividwa hu t-tip tal-preskrizzjoni li tghodd ghall-kaz. Dan ghaliex huwa l-parti li ghandu l-oneru jaghzel liema wahda mill-varji ipotesijiet prezunti mil-ligi hi applikabbli. Fin-nuqqas ta' indikazzjoni specifika l-eccezzjoni nnifisha ma tistax hlief tigi dikjarata inammissibbli. ... Minn dan kollu jitnissel illi fl-assenza ta' indikazzjoni cara u specifika tal-preskrizzjoni, il-gudikant ma jistax jiehu inizzjattiva biex jissupplixxi hu ghan-nuqqas tal-parti.*"

Illi fid-dawl ta' dan l-insenjament, u tenut kont tal-fatt illi t-terminu preskrittiv indikat mill-konvenut huwa kontemplat mil-Ligi f'aktar minn disposizzjoni wahda tal-Kodici Civili - u ghalhekk it-Tribunal ma jistax minn jeddu jasal ghall-konkluzjoni illi qed jigi invokat xi Artikolu specifiku tal-Ligi, u mhux iehor - allura necessarjament isegwi illi n-nuqqas tal-konvenut li jindika specifikament l-Artikolu tal-Ligi applikabbli ghall-kaz in ezami, iwassal sabiex tali eccezzjoni ma tistax tigi kkunsidrata.

Illi dan oltre l-fatt illi, a bazi ta' dak li gie verbalizzat mill-konvenut fl-atti tar-rikors ghas-sospensjoni ta' proceduri ta' bejgh in licitazzjoni, liema verbal sar fl-atti tal-proceduri li gew istitwiti quddiem l-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Civili bin-numru 1234/2008, u liema verbal huwa datat 16 ta' Diembru 2008 (u li kopja tieghu tinsab a fol. 11), l-istess konvenut accetta u intrabat li jaghmel ukoll tajjeb ghall-ispejjez tal-konsenjatarju kemm-il darba jinghata r-ricevuti relattivi.

Illi l-ligi tiddisponi tliet cirkostanzi li permezz taghhom jinkiser it-terminu tal-preskrizzjoni tal-azzjoni, u dawn huma, permezz ta' att gudizzjarju li jkun gie debitament notifikat lid-debitur, l-gharfien tal-jedd tal-parti li kontra taghha hu ghaddej iz-zmien tal-preskrizzjoni, u finalment, il-hlas akkont.

Illi minn qari tal-Avviz tat-talba, kif ukoll tad-dikjarazzjoni guramentata ta' Christopher D'Amato (a fol. 15) jirrizulta illi parti sostanzjali mill-ammont reklamat f'din il-kawza huwa relattiv ghal tali spejjez tal-konsenjatarju; illi jsegwi

ghalhekk illi tali verbal ghandu l-effett illi jinterrompi kwalunkwe terminu ta’ preskrizzjoni li seta’ beda jiddekorri a favur tal-konvenut, ghaliex din l-azzjoni tittratta dwar spejjez tal-konsenjatarju, fost ohrajn. Illi l-istess jista’ jinghad b’referenza ghad-deposizzjoni li ta l-istess konvenut fis-seduta tas-16 ta’ Frar 2011, fejn iddikjara illi kien dispost li jhallas ghall-ispejjez tal-konsenjatarju, kemm-il darba realment jirrizulta li dawn saru. Illi tali accettazzjoni wkoll xxejjen l-eccezzjoni ta’ preskrizzjoni sollevata mill-istess konvenut.

Illi fid-dawl ta’ dawn il-kunsiderazzjonijiet kollha, l-eccezzjoni ta’ preskrizzjoni sollevata mill-konvenut ma tistax tigi kkunsidrata, u wisq anqas akkolta.

Ghaldaqstant, filwaqt illi t-Tribunal jichad l-eccezzjoni ta’ preskrizzjoni sollevata mill-konvenut, jordna l-proseguiment tas-smiegh tal-kawza fuq il-mertu.

Jirrizerva li jipprovdi dwar l-ispejjez fis-sentenza finali.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------